Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 248 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Marflene Cricchiola

Illum 22 ta' Ottubru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Marflene Cricchiola detenur tal-karta tal-identita Maltija 13386 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Mejju, 2016;

1. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Joanne Sciberras weggahha bi kliem, gesti, jew b' xi mod iehor;
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika immalafama lil Joanne Sciberras jew ghamel uzu mhux xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 252 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 49 (a) (b) (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabet lill-imputat hati taz-zewg akkuzi imressqin kontrih;

Ikkundanatu ghal elf ewro multa komplessiva;

Il-Qorti ordnat ukoll lill-imputat sabiex ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Joanne Sciberras ghal perjodu ta' sena mill-lum, skond id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taht penali ta' elf ewro filkaz li jikser l-ordni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Marflene Cricchiola, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata, **TIDDIKJARA** li hija nulla, u b' hekk **TORDNA** illi l-atti kollha ghandhom jergghu jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghas-smiegh mill-gdid taghhom, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mill-beneficcju tad-doppio esame; fin-nuqqas li tilqa' dan l-aggravju, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fuq il-mertu, u dan billi filwaqt li **TIDDIKJARA** lil appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tilliberah minnhom; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw in-nullita' tas-sentenza, l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti, tal-provi prodotti quddiemha u kif ukoll il-piena erogata fil-konfront tal-appellant.

**A. Nullita' tas-Sentenza**

Illi preliminarjament jigi rilevat li artikolu 382 tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddetta li:

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid* ***il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati****, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Illi meta din il-Qorti ser tara s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, ser tinnota li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda indikazzjoni ghalfejn, skont hi, l-appellant kellu jinstab

hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu; u dan minbarra l-fatt li l-istess Qorti lanqas biss nisslet il-fatti tal-kaz odjern, u ghalhekk mis-sentenza biss wiehed lanqas biss ikollu hjiel fuq xiex inhu l-kaz!!

Illi tenut kont ta' dawn in-nuqqasijiet, id-decizjoni moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija wahda nulla u dan peress illi ma ghandhiex ir-rekwiziti kollha imnissla taht artikolu 382 tal-KAP 9.

Filfatt, f' dan l-istadju, l-esponent ser jaghmel referenza ghal diversi decizjonijiet moghtija mill-Qrati taghna, liema decizjonijiet jsostnu li jekk il-formalitjiet ta' artikolu 382 ma jigux imharsa, is-sentenza tkun wahda nulla u bla effett skont il-Ligi.

Fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v. Emanuel Azzopardi,** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sena elf, disa' mija, disgha u disghin (1999),</u> gie tenut:

> Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli ' ex ufficio.

Fil-kawza <u>**Il-Pulizija v. Mario Agius,** moghtija nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995),</u> il-Qorti tenniet:

> In-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għannuqqas ta' formalita` sostanzjali.

Sahansitra, peress li gieli certi kawzi sommarji jinstemaw f' darba, u l-Qorti tikteb il-piena fuq il-komparixxi stess, il-Qrati taghna jtennu li hemmhekk wiehed zgur se jkun jaf il-fatti tal-kaz, pero' jekk is-sentenza tkun wahda miktuba ghaliha, u mhux fuq il-komparixxi, ir-rekwiziti ta' artikolu 382 iridu jigu mharsa;

<u>**Il-Pulizija vs Emmanuel Zammit**, moghtija mill-Qorti tal-Appell, nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (16.01.1986)</u>

> Meta s-sentenza oriġinali tkun miktuba fuq iċ-ċittazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formaliżmu ma hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza, però dan ma hux il-każ, għax hawn si tratta

ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bħal kif jigri kważi dejjem fil-kawżi li jinstemgħu bil-proċedura sommarja, u proprju hemm iddubji fuq imsemmija'

Illi ghalhekk, is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hi wahda nulla u bla effett, u l-kaz odjern ghandu jerga' jinstema' mill-gdid.

**B. <u>Apprezzament Zbaljat tal-Provi</u>**

Illi jibda biex jigi rilevat li kif inhu r-regola generali, fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, u hija l-eccezzjoni tad-Difiza li trid tipprova xi haga. Filfatt, il-Manzini, fil-ktieb tieghu, Diritto Penale pg 234 VOL III jghid:

*"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa- onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova sabiex il-Qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-esponent ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi f' dan il-kaz, bhal il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda, lill-*parte civile* Joanne Sciberras u kif ukoll lil missierha, li t-tnejn taw id-depozizzjoni taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi minkejja li l-*parte civile* xehdet kemmxejn fit-tul, id-depozizzjoni kienet wahda monka minn diversi aspetti. Illi qabel xejn jigi rilevat li l-*parte civile* fl-ebda hin ma indikat id-dati u x-xhur ta' meta marret taghmel ir-rapporti gewwa l-Ghassa tal-Pulizija. Inoltre', filwaqt li x-xhud ammettiet li fil-verita' hi vera kienet isselfet xi flus minghand l-esponent u qatt ma rrifuzatu ta' flusha; ix-xhud ammettiet b' gurament ukoll illi hi ghandha diversi kawzi gewwa l-Qorti relatati ma' frodi. *Di piu'* , meta l-*parte civile* kienet qieghde tixhed, u anke' sahansitra waqt li beda jsirilha l-kontro ezami, l-Qorti gibditilha l-attenzjoni kemm il-darba sabiex twiegeb id-domandi tad-Difiza u li sahansitra lill-Qorti stess ma kienet qieghda tikkonvinciha xejn.

*Oltre'* minn hekk, ix-xhieda tal-*parte civile* u ta' missierha, huma kunfliggenti fihom infishom, u dan peress illi filwaqt li l-*parte civile* tghid li missierha jghinha u li ghandhom relazzjoni tajba, mill-banda l-ohra missierha ikkonferma li filfatt hu u bintu ghamlu zmien ma jitkelmux minhabba l-problemi mal-gustizzja li kien qieghed ikollha.

Illi minbarra l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova fil-kaz odjern, l-unika prova li giet ezebita hi screenshot ta' Facebook fejn certu ' Kawazaki zrr' kien qieghed jitlob l-ghajnuna tan-nies sabiex isib lil certu Joanne Sciberras ghax kienet haditlu hafna flus. Illi barra minn hekk, jekk din l-Onorabbli Qorti tara l-kummenti tan-nies fuq din il-post jidher bic-car li kien hemm diversi nies qeghdin jikkonfermaw li jafu li Joanne Sciberras tiehu flus u ma tirritornahomx!!

*Di piu'* , jixtieq jigi accennat, liema punt sahansitra gie accennat mid-difiza illi l-i*screenshot* li pprezentat l-*parte civile,* ma ngabet l-ebda prova minn fejn gie, min hadu u sahansitra jekk filfatt hux wiehed awtentiku. Barra minn hekk, meta wiehed jhares lejn il-profil tal-persuna li tefghet dak il-post, ma hemm l-ebda indikazzjoni li filfatt hu l-esponent, u dan peress illi l-isem huwa ' *Kawazaki Zrr'* , u jidher b' persuna elmu fuq mutur, u ghalhekk ma hemm l-ebda identifikazzjoni tal-esponent. Tajjeb li jigi rilevat li f' dan il-kaz lanqas biss dahlet is-*Cyber Crime Unit,* u ghalhekk dak il-profil ma ngabet l-ebda prova minn min jintuza.

F' dan il-proceduri, l-esponent sahansitra tela' jixhed b' gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u dan minkejja li ghandu d-dritt tas-silenzju. Illi pero' l-esponent jixtieq igib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li fil-verbal tas-seduta meta' xehed l-esponent ma tnizzilx il-fatt li xehed l-esponent, minkejja li fil-verita' kien xehed.

Fid-depozizzjoni tieghu, l-esponent tenna illi hu kien isellef flus lill-*parte civile,* pero hi min-naha taghha kienet dejjem tinjorah u qatt ma tirritornalu flusu stess.

Illi in vista ta' dawn il-provi, jew ahjar in vista tan-nuqqas ta' provi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt *safely and satisfactorily* issib lill-esponenti hati tal-imputazzjonijiet mogjub fil-konfront tieghu. F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti ta' Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.** Ghalkhemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **il-Pulizija v. Noel Buhagiar**, deciza fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi**, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017*):*

> Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**" [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002]…

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" (1969):

*court will be very reluctant to interfere with the jury' s verdict* (f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution' s evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE' S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Barra minn hekk, qieghed jigi rilevat ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma setghet qatt issib htija taht artikolu 252(1) tal-KAP 9, u dan peress li ma ghadux jezisti, u dan permezz tal-Att XI tal-2018.25, liema Att dahal fis-sehh f' April tas-sena kurrenti, u cioe' qabel ma inghatat is-sentenza fil-konfront tal-esponent. Illi kif dejjem jghalmuna l-Qrati taghna, il-Qorti ghandha dejjem tapplika l-Ligi l-izjed favorevoli ghall-akkuzat, u f' dan ir-rigward, Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx timmulta lill-esponent taht artikolu 252(1) tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**C. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponenti umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u lanqas ma hi parametri tal-Ligi.

L-esponenti jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> *' Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli.*
>
> *B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant taghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke' persuni li kienu <u>recidivi</u>, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati, ahseb u ara l-esponenti li ghandha fedina penali nettissima.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **<u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' *Probation*.

> *' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin****…* ***li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv****… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> ' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali

ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia**: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, l-esponenti umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat; filwaqt illi jekk kellu jinstab hati, u dan qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju, il-piena erogata fil-konfront taghha kellha tkun aktar ekwa u gusta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita fl-atti.

Semghet ill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2019.

Ikkunsidrat.

Rat l-affidavit ta' **WPS 91 Miriam Mangion** esebit fl-atti a fol. 2. Din stqarret li nhar it-18 ta' Mejju, 2016 ghall-habta tal-5.27p.m gewwa l-ghassa certu Joanne Sciberrs irraportat li kienet infurmata minn xi nies illi certu Marflene Cricchiola kien qieghed jippostja kliem li hassitha qed tigi mmalafamata fuq il-facebook.

Stqarret illi t-tifla kienet urietha il-messaggi fuq facebook u fost hafna kliem dan Cricchiola qal b'referenza ghaliha "*Din hija frodista, ghandha tatini l-flus, min jista jatini informazjoni fuqha inhalssu tajjeb*." L-isem fuq facebook ta' Marflene Cricchiola kien taht isem Kawasaki zrr li joqghod Bormla.

Hija talbet lill-appellant imur l-ghassa ta' Hal Qormi fejn dan mar aktar tard ghall-habta tas-6.25 u wara li tatu s-solita twissija staqsietu jekk kienx tella' xi ritratt ta' Joanne Sicberras fuq facebook u jekk kienx kiteb li hija frodista u xi kliem iehor u dan ammetta li kienu hu li ghamel hekk ghax kienet iffodatu s-somma ta' madwar disgha u ghoxrin elf euro (€29,000) u meta kien mar biex jghamel rapport kontra taghha kollox kien gie kontrih. Qal li lilu anke cekkijeit foloz tatu

Illi nhar l-20 ta' Novembru, 2017, **Joanne Sciberras** xehdet quddiem l-ewwel Qorti izda x-xhieda taghha ma gietx dattilografata u ghalhekk regghet xehdet quddiem din il-Qorti nhar it-22 ta' Jannar, 2018. Spjegat li f'Mejju 2016 marret taghmel rapport l-ghassa ghaliex tal-familja kienu qalulha li l-appellant kien tella xi ritratt taghha fuq *facebook* u ghajjarha li hi frodista. Fil-fatt ikkonfermat li fuq il-facebook l-appellant kien kiteb is-segwenti kliem fir-rigward taghha "*Din hija frodista, ghandha tatini l-flus, min jista jatini informazjoni fuqha inhalssu tajjeb*."

Qalet li marret taghmel rapport f'Mejju 2016 ghand l-ispettur Doriette Cuschieri. Starret li hija qatt ma ghamlet business mal-appellant u ma kienx veru li ffrodatu. Qalet li minkejja li kienet ghamlet ir-rapport fil-konfront tieghu dan baqa' itella diversi *posts* u kellha taghmel xi sitax-ir-rapport fil-konfront tieghu. Tghid li dan qalilha li ghandu l-*power* ghaliex shabu huma minsitri , qalet li qallha li kien ser joqtlilha it-tifel.

B'dawn il-*posts* tghid li mohha ma bediex jahdem sew u dan baqa' jippostja. Qalet li kien silfet xi flus minghandu u jekk ma ttihx hames mitt euro fil-gimgha kien iheddidha li kien ser joqtolha. Qalet li rat dawn il-*posts* f'*sit* intitolat f'Min ipartat u min ibiegh'. Qalet li ridet tixtri karozza Toyota Vitz u saret taf li werwer ukoll lil Veronica ta' Bjorn Car Hire.

Mistoqsija jekk kienitx isselfet xi flus minghand l-appellant tghid li kienet isselfet is-somma ta' elfejn euro (€2,000). Dan pero ma kienx negozju kien self semplici. Qalet li kienet silfet dan l-ammont biex thallas lil George Vella. Qalet li pero dawn il-flejjes gew mghotija lura u fil-fatt halsitu hafna aktar iktar minn ghoxrin elf euro ( €20,000) Il-pagamenti taghha waqfu meta tkelmet ma l-Ispettur Doriette Cuschieri. Qal li darba minnhom tellgha post taghha b'wiccha jidher u darba ohra b'ritratt taghha b'xagharha toppu. Jghid li isimiha kien jissemma kullimkien u dejjem jghid li iffrodatu.

**Luciano Sciberras** xehed u stqar li huwa missier Joanne Sciberras. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu u jispjega li darba minnhom kien qieghed fil-hanut tal-café tat-tifel u mar l-appellant fuqu u qallu '*int missier Joanne*' u qallu '*iva*' u qallu li kellha itih fuq xi xoghol. Staqsih fejn kienet toqghod u fejn imur skola it-tifel taghha biex ifaqqalu wiccu. Talbu is-somma ta' €10 ghax ma kellux ghal tal-Linja. Darb' ohra qallu li kien silef xi flus lil Joanne ghaliex kien ried igib container bir-red bull minn barra. Dakinhar kien qed jhedded lit-tifla. Jghid li r-relazzjoni tieghu ma bintu hija wahda normali u ghalhekk mar l-ghassa.

**Marflene Cricchiola** l-appellant xehed minn jeddu nhar it-12 ta' Frar, 2019 u spjega illi sar jaf lil Joanne Sciberra meta qaltlu li kienet qed taghmel s-separazzjoni personali minn ma zewghha. Jghid li sar jafha tramite habib tieghu li kien introduciha lilu meta ridet tissellef xi flus u huwa minkejja li ma setax isellifha spicca sellifha s-somma ta' tlett elef euro (€3,000). Dik id-darba kienet qaltlu li kellha xoghol maqbud id-Dwana u kelha bzonn il-flus biex tigbor il-merkanzija. Ghalhekk sellifha is-somma ta tlett elef euro (€3,000) quddiem sihbu George imlaqqam 'il-Bozi' u qaltlu li mill-profitt li kienet ser taghmel kienet se tahseb fih. Jghid li wara xi ghoxrin jum tatu l-flus lura u tatu is-somma ta' mitejn euro (€200) maghhom. Baqghu sejrin hekk isellifha u hi tirrotorna l-istess ammont flimkien ma xi profit li kien jghamel l-apellant bil-flus li kien isellfilha.

F'xi zmien ried jiftah gym u ghalhek kien tkellem maghha biex iggiblu xi Protein shakes. Qal li kienet gabitlu kalendarju minn fejn seta jghazel il-prodott u fil-fatt kien hemm ghazla ta' sebgha prodotti. Huwa beda jghamel il-kalkoli biex jara kemm kien se jiswih dan il-progett u appuntu biex igib container. Qaltlu li kien ser jiswih is-somma ta' disgha u ghoxrin elf euro (€29,000).Talbitu is-somma ta' hdax-il elf u hames mitt euro ( €11,500) biex tordnah u qaltlu li appena il-container jasal itiha somma ohra ta' €11.200 u l- bilanc ta' €6,000 malli l-container jasal id-Dwana. Jghid li l-container wasal Malta u qaltlu li setgha jmur jogbor l-affarijiet bejn l-erbgha u l-hamsa izda kellu imur xi rapprezentant tal-Health biex jispezzjona l-prodott.

Ghaddew divesi granet u xtaq iwaqqaf kollox ghaliex sar jaf li din Sciberras kienet xebghet tiffroda n-nies u ried flusu lura. Qaltlu biex imorru ghand in-Nutar biex ighamlu skrittura li kellha ittih il-flus. Dakinhar tatu *post dated cheque* u dan ibbouncja.Qaltlu li min kien taha c-cheque ken qed jistenna xi relaease. Wara xi xhur mar ighamel rapport id-depot. Jaf li baghtu ghalih izda min dak n-nhar li ghamel ir-rapport kontra taghha l-pulizija kienet baghtet ghalih diversi drabi.

Jghid li huwa kellu xi tmien indirizzi taghha u ma setax isibha. Jghid li kienet qalaltu hafna inkwiet u dahlitu f'hafna dejn anke ma tal-familja u ried jara kif kien ser isibha biex thalsu lura. Kien ghalhek li tellgha l- post bir-ritratt taghha fuq il-face book sabiex min forsi kien jaf din il-persuna ikun jaf li hi frodista kbira. Jghid li veru kien mar isib lil missierha u dan kien qallu li kienet iddefrodatu s-somma ta' hames mitt elf euro (€500,000).

Qal li wara li tellgha l-post fuq Facebook kien ircieva xi erbat jew hmistax-il messagg fejn sar jaf li kien hemm min haditlu somma u min ohra. Huwa pogga r-ritratt taghha biex ma tiddefroda lil hadd iktar Il-posts Marflene Cricchiola u Kawasaki Srr huma tieghu. Ir-relazzjoni tieghu maghha kienet ilha ghaddejja xi sitt xhur kienu jikkomuikaw bil-mobile pero meta induna li kienet qed tiffrodah ma wigbitx iktar it-telephone u bdiet taqtalu.

Mistoqsi meta kien ghamel ir-rapport l-ghassa jekk kienx qabel ma tellgha l-posts dwarha jew wara jhid li ma jfitkarx pero wiehed jista jara l-posts esebiti fl-atti. Pero jghid li jahseb li tellgha il-posts tieghu f'Mejju 2016.

Huwa ma riedx li jkun hemm terzi persuni li jigrilhom bhalu. Gie b'id wahda quddiem u l-ohra wara ghaliex mhux talli spicca ma gabarx flusu izda spicca bid-dejn anke ma tal-familja ghaliex kien issellef flus biex ighati lilha. Huwa ried ikun jaf fejn tghix sabiex jiffaccjaha. Qal li hija bdiet tghid li qal li kien ser jotolha biex tghamillu l-hsara. Hija ivvendikat ruha minnu u bdiet tibza minnu biss wara li kien ghamel rapport dwarha li kienet iddefrodatu. Huwa ried jigbor flusu anke dawk fic-cekk li ma ssarrafx. Mistoqsi jekk kienx sellef flus lil haddiehor ighid li le. Qatt ma kienx sellef lil hadd u kien sellef lilha ghaliex siehbu kien sellifha qabel u kienet tathomlu lura. Mistoqsi jekk kienx izommilha imghax jghid li gili tatu €200 u gili €300 skond il-profitt li kienet taghmel hi. Hu qatt ma talabha xejn.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru, 2017 (fol. 9) fejn hemm dikjarat li din i-kawza kienet mixja flimkien ma erbghakawzi ohra fl-istes ismijiet u li il-provi ta' dwak il-kawzi ghandhom japplikaw ghal din il-kawza.

Illi fil-process fl-ismijiet **<u>il- Pulizija vs Marflene Cricchola</u>** (Appell Numru 249/2018) li mar dezert fil-25 ta' Settembru ,2018 kien hemm post markat bhala dok JS 1 ( fol. 10. Marflene ighid ' *Please ixxerjaw dan ir-ritratt min jaghtini informazzjoni fuq jew fejn toqghod din il-frodista jikkuntatjani. Min jghidli fejn nista insibha nahseb fih. Jisima Joanne Sciberras.*' Taht dan il-post hemm ritratt kbir ta' wicc Joanne Sciberras. Id-data ta' dan il-post ma jirrizultax mill-fotokopja esebita fl-atti.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li s-sentenza hija nulla u dan ghaliex fis-sentenza moghtija ma jirrizultax '*il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati taghhom*'. Issa l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda indikazzjoni ghalfejn skond hi l-appellant kellu jinsab hati tal- imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dan minbarra l-fatt li l-istess Qorti lanqas biss nislet il-fatti tal-kaz odjern u ghalhekk mis-sentenza biss wiehed lanqas biss ikolllu hjiel fuq xhiex inhu l-kaz.

Dwar dan l-aggravju jinghaad is-segwenti:-

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u cioe dik citata mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Emmanuel Zammit</u>** u nnotat li f'dik is-sentenza giet trattata il-kwistjoni jekk meta sentenza tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti kif gara

fil-kaz in desamina, u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubbju dwar liema fatti l-akkuzat jkun gie misjub hati fejn dik il-Qorti sahhet li s-sentenza ghandha tigi salvata ghaliex ma hemmx post il-formalizmu.

Hawn hekk pero' l-appellant mhux qed ighid hekk u ghalhekk ftit li xejn ghandha relevanza mal-kaz odjern , izda qed imur pass oltre u jispjega li skond l-artikolu 382 tal-kap 9, l-Qorti ghandha taghti raguni 'l ghala akkuzat jinstab hati u ghalhekk il-Qorti ghandha timmotiva is-sentenza taghha.

Il-Qorti ticcita l-ligi billi tirriproduci is-segwenti:-

**Artikolu 382:-**

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkuntikkontempla r-reat"*

Dan qed jinghad ghad-differenza ta' l-**Artikolu 662(2)** li jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fihaqabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni"*:

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis** [1] fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[2] fejn intqal is-segwenti:-

*"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**" fejn gie ritenut* li :-

[1] Appell Kriminali Numru. 372/2006 deciz 21 ta Gunju 2007
[2] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2007

*"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.*

*Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi u f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal- Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba ta' sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari*

*w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. James Grima**[3]")

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana**[4] fejn inghad li:-

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.*

*F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.*

*Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti. F'dan ilkaz il-motivazzjoni hija nieqsa kompletament u hawnhekk din il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura 'l-Qorti tal-Magistrati peress illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u mhux taqbad u tiddeciedi fuq il-htija o meno minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Il-Magistrat ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi però min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti imissha tat aktar importanza ghas-serjetà ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha. Hi x'inhi, però, bhal ma già inghad, teknikament l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod kif kitbet is-sentenza u ma tistax din il-Qorti tilqa' t-talba ta' nullità tal-appellant*

Illi ghalhekk in vista tad-diversi sentenzi li inghataw minn din il-Qorti diversament preseduta tali nuqqas ta' motivazzjoni kif sollevat mill-appellant ma jammontax

[3] Appell Kriminali deciz 8 ta Marzu 2007
[4] Appell Kriminali deciz 19 ta Frar 2014

ghan-nulilta ta' sentenza *stricto sensu* minkejja li jista jaghti l-kaz li jinpingi fuq id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq sabiex ikun jaf ir-raguni li fuqha instab hati jew gie liberat.
Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju dan jittratta dwar apprezzament zbaljat ta' l-ewwel Qorti fuq l-provi migbura mill-partijiet.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[5]."; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[6]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[7]" ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8]" u ohrajn .)

Illi l-appellant jistqarr fir-rikors tal-appell tieghu li l-parte civile ma tat l-ebda data ta meta hija ghamlet ir-rapport l-ghassa ta' meta sehh l-incident. In oltre l-appellant jistqarr fir-rikors tieghu li ma hemmx prova dwar l-awtenticita tal-post mehud mill-facebook.

Dwar dan pero' din il-Qorti tispjega li l-parte civile xehdet qudiem din il-Qorti u stqarret li hija marret taghmel rapport l-ghassa wara li kien gie posted dak li jirrizulta fid-dok JS 1 u dan ghaliex meta l-post gie muri lill-kwerelanti ikkonfermat li

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1995.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1995.

kienet qed titkellem dwaru li hassitha malafamata bil-kontenut tieghu. Dan il-fatt hu konemrat minn WPS 91 MiriamMangion li kkonfermat ir-rapport tal-vitma u fix-xhieda taghha taghti id-dettalji dwar dati fl-istess rapport.

Dwar dak sollevat mill-appellant li l-prosekuzzjoni ma resqitx prova dwar lil min jghajjat l-kont *Kawasaki Zrrr*, jinghad li l-prosekuzjzoni ma kellheix ghalejn taghemll dan ghaliex da nil-fatt jirrizulta mix-xhieda li ta l-istess appellant li qal li ghandu zewg facebook accounts wiehed f'isem Kawasaki zrr u l-iehor f'isem Marflene Cricchiola.

In oltre mhux tallihekk izda ha responsabilita tal-post u spjega li l-intensjoni tieghu ma kienitx wahda li jimmalafma lill-kwerelanti pero biex ma jkunx hemm terzi persuni li jigu defrodati minnha kif del resto kien gie hu. Stqarr li sahansitra spicca mimli dejn proprju minhabba l-agir tal-kwerelanti u l-intensjoni tieghu kien sabiex jinghata tgharif dwarha sabiex ikun jista javvicinha peress li ma kienitx qed twiegeb it- telefonati tieghu u anke kienet qed taqtalu.

Dwar l-ewwel akkuza u cioe dik tal-ingurja jidher li illum il-gurnata r-reat kif kien previst fl-artikolu 252 (1) tal kodici criminal gie Imħassar bl-Att XI.2018.25 u ghalhekk in ommagg mal-principji ta nullum crimen sine lege, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta tali akkuza.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik kontemplata fl-artikolu 49 tal-kpaitolu 499 kif emendat permez ta l-att XI.2018.32 jipprovdi s-segwenti.

*"Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biexjagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lilħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xiħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra,jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persunaoħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multata' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħineuro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reatpermanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa usittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jumli matulu jkompli r-reat;*

*Izda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att"*

Illi l-messaggi li gew esebiti u li gew mibghuta minnu fuq il-pjattaforma eletrroniku Facebook jirrletaw ghall-kliem ingurjuzi u dan statne li l-kelma 'frodista' tammonta ghall insult .Illi skond il progile tal facebook li kiteb dawn il-messaggi huwa certu Marflene Cricchiola u Kawazaki ZRR li l-appellant assuma ir responsabilita tieghu Mhemmx dubbju li tali kliem inkluz dak li isejjah lil vitma 'Frodista' huma ingurjuzi. Pero xorta din il-Qrti trid tara jekk dan l-agir jaqax taht id- disposizzjoni 49 tal kapitolu 339.

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Dr Alfred Grech</u>**[9] gie kkunsidrat li:_

*"L-ghemil kontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti f'uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta komunikazzjni elettronika sabiex jikkomunika lil haddiehor theddida ta ghemil ghall-ghanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta l-ghanjiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istes paragrafi qed tikkontempla ghemil bl-uzu ta' xi network jew apparat ta komunikzzjoni eletrronika huwa mmirat sabiex jaghmel hsara, jdejjaq, jivvessa jew koffendi lil haddiehor. Meta fil-pargrafru 'c ' jinghad li " jghamel uzu mhux xieraq' ( sottolinear ta-Qorti isegwi li dik id-disposizzjoni titratta minn ghemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li , bl-applikazzjoni tar-regola euisdem generis, huwa ghemil iehor li jittrasmetti lil haddiehor messat li jaghmel hsara, idejjaq, jivvessa jew joffendi lil haddiehor u ghaldaqstant ma hux ghemil xieraq. Anki jekk ghalhekk il-messaggiin kwisjtoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu nhala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f;dak projbit bil-paragrafu 'c ' imsemmi in kwantu huma messaggi li tal-inqas idejqu jivvessaq jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dequ, uvvessaq u offendew I min ircevihom. Din hi l konsegwenza tal applikazzjoni korretta tar regola eiusdem generis ghall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu 'c' imsemmi."*

*Fil-kaz odjenr jidher car li l-kliem uzat kien kliem ingurjuz u malafamanti tant li ghajjarha Frodista. Ghalkemm seta kellu rabbja ghaliha u dan ghaliex stqar li ma kientix halsitu u li kient tatu xi cekkijeit li ibbuncjaw, dan ma jfissirx li kellu ragun jikteb u jaghmel uzu mill*

[9] Eciza mil-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2013 (Numru 344/2012)

*Facebook sbeix jikteb da nil-klieml iskop ta Facebook zgur li mhux tinsulenta u tingurja u tirredika persuna ohra.*

Kif tajjeb jinghad kull reat ghandu zewg elementi fih li jridu jigi provati lil hin minn kul dubbju dettat mir-raguni l-element intensjonali u cioe il-*mens rea* u cioe l-intensjoni generika li kellu l-appellant biex jimmalafama lill-kwerelanti u l-*actus reus* li jimmanifesta l-intenzjoni kriminuza tieghu f'att materjali u cioe f'dan il-kaz li jippostja u jhedded u jimmalafama lill-kwerelanti.

F'dan il-kaz jidher ghas -sodisfazzjon tal- Qorti li huwa kien il-persuna li ppostja l-post esebit u markat bhala dok JS 1. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma hix konvinta li l-intesnjoni tal-appellant ma kientx wahda li timmalfama lill-vitma izda kif tghid id-difiza sabiex ikun jaf aktar dwarha. Jinghad li kieku l-appellant hass li fil-fatt l-vitma iddefrodatu kien jiddenunzja lill-pulizija u mhux jaqbad u jghid kliem mhux xieraq fil-konfront taghha. Mhemmx dubbju una volta l- kwerelanti kellu f'idejh cekk moghti lilu mill-kwerelanti li bbowncja kellu ifittex l-ghajnuna tal-gustizzja u mhux jinfex f'posts fuq l-face book ighajjar lil-vitma ghaliex b'hekk certament ma kienx ser jigbor flusu. Il-kelma 'frodista' fiha innifsiha hija kelma malafamanti u b'hekk l-appellant ma ghamilx uzu xieraq tan network. Fil-fatt jghid li ghazel dik il-kelma sabiex ma jkunx hemmiktar niex li jsofru pregudizzju materjali jew ahjar finanzjarju minhabba l- agir taghha. B'hekk danifisser li l intensjoni tieghu kienet liipoggi lil-vitma f'dawl ikrah biex hadd iktr ma jafdaha.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kien wiehed 'safe u satisfactory'.

L-appellant pero appella ukoll mill-piena inflitta u cioe mill-multa li gie kkundannat ihallas fl-ammont ta' elf euro (€1,000). Dwar dan din il-Qorti rat li l-legislatur ikkreja massimu ta multa li ghandha tithallas f'kaz ta htija dwar ir reat naxxenti mill-artikolu 46 tal-kapatilu 399 u cioe ta' ammont li ma jeeccedix is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħineuro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73). Ghalhekk l-ammont huwa wiehed sostanzjali pero meta tqis l-multa inflitta mill-ewwel Qorti u cioe l-ammont ta' elf euro (€1,000) thoss li l-Qorti mraret lejn il-minimu u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tilqa' it-talba tal-appellanti biex tirriforma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Konsegwentement din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir- rigward id-dikjarazzjoni ta′ htija kif ukoll fir rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur